

32001R2292

27.11.2001

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 308/1

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 2292/2001**ta' l-20 ta' Novembru 2001****li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2262/84 li jistipula miżuri speċjali rigward iż-żejt taż-żebbuġa**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 37 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidra l-fehma tal-Parlament Ewropew ⁽²⁾,

Billi:

(1) Skond l-aħħar sottoparagrafu ta' l-Artikolu 1(5) Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2262/84 ⁽³⁾, il-Kunsill, fuq proposta mill-Kummissjoni, għandu jiddeċiedi qabel l-1 ta' Jannar 2001 fuq kull finanzjament ta' l-ispiża ta' l-aġenziji wara s-sena ta' *marketing* 2001/02.

(2) Permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1513/2001 tat-23 ta' Lulju 2001 li jemenda r-Regolamenti Nru 136/66/KEE u (KE) Nru 1638/98 rigward l-estensjoni tal-perijodu tal-validità ta' l-iskema ta' għajnuna u l-strateġija tal-kwalità għaż-żejt taż-żebbuġa ⁽⁴⁾, il-Kunsill iddeċida li jintroduċi skema ta' għajnuna ġdida mill-1 ta' Novembru 2004. L-iskema ta' għajnuna kurrenti tibqa' fis-seħħ sa u tinkludi s-sena ta' *marketing* 2003/04. Taħt dawn iċ-ċirkostanzi, għandha ssir dispożizzjoni biex tibqa' ssir il-kontribuzzjoni mill-Komunità għall-ispiża mħallsa mill-aġenziji li jwettqu ċerti verifiki b'konnessjoni ma' l-iskema ta' għajnuna għall-produzzjoni taż-żejt taż-żebbuġa sa u inkluda s-sena ta' *marketing* 2003/04. Għandha ssir ukoll dispożizzjoni biex din il-kontribuzzjoni għall-ispiża mħallsa mill-aġenziji matul is-sena ta' *marketing* 2004/05 titkompla sabiex tħallihom iwettqu l-verifiki neċessarji u komplimentari meħtieġa relatati mas-sena ta' *marketing* preċedenti kif ukoll biex tiggarantixxi l-kontinwità tas-sistema ta' kontrolli li hemm provdut dwarha fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament (KEE) Nru 2262/84. Fl-2003, il-Kummissjoni għandha

tikkunsidra l-ħtieġa li tkompli bil-kontribuzzjoni tal-Komunità għan-nefqa ta' l-aġenziji wara s-sena ta' *marketing* 2004/05 fil-kuntest tal-provvedimenti maħsuba għar-riforma ta' l-organizzazzjoni tas-suq komuni fis-settur in kwistjoni.

(3) In vista ta' l-emendi għat-test tat-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ewropea, huwa meħtieġ li tinbidel ir-riferenza għall-Artikolu 43(2) tat-Trattat,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

Ir-Regolament (KEE) Nru 2262/84 huwa emendat kif ġej:

1. fis-subparagrafu ta' qabel l-aħħar ta' l-Artikolu 1(5), "tliet snin" għandhom jinbidlu b'"sitt snin";
2. l-aħħar subparagrafu ta' l-Artikolu 1(5) għandu jinbidel b'dan li ġej:

"Fl-2003 l-Kummissjoni għandha teżamina l-ħtieġa li ssostni l-kontribuzzjoni mill-Komunità fl-ispiża ta' l-aġenziji u, fejn hu xieraq, għandha tippreżenta proposta lill-Kunsill fil-kuntest tad-deċiżjoni fuq l-organizzazzjoni komuni tas-suq kif hemm provdut dwarha fl-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KE) Nru 1638/98. Skond il-proċedura li hemm provdut dwarha fl-Artikolu 37(2) tat-Trattat, il-Kunsill għandu jiddeċiedi fuq kull finanzjament ta' l-ispiża fil-kwistjoni fil-kuntest tad-deċiżjoni msemmija."

L-Artikolu 2

⁽¹⁾ ĠU C 213 E, tal-31.7.2001, p. 1.

⁽²⁾ Opinjoni mogħtija fit-23 ta' Ottubru 2001 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

⁽³⁾ ĠU L 208, tat-3.8.1984, p. 11. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 150/1999 (ĠU L 18, tat-23.1.1999, p. 7).

⁽⁴⁾ ĠU L 201, tas-26.7.2001, p. 4.

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fl-20 ta' Novembru 2001.

Fisem il-Kunsill

Il-President

A. NEYTS-UYTTEBROECK
